**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Illum: 30 ta' Ottubru 2019**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Lara Butters)**

**vs**

**Avin Faruq Hussein**
**Passaport Iraqin: A8816393**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputata Avin Faruq Hussein ta' 34 sena, bint Faruq Husain u Sabiha Mohmed, imwielda Sulaymanyeh nhar is-17 ta' Settembru, 1985 u preżentament bla indirizz fiss u detentriċi ta' passaport Iraqin bin-numru A8816393;

Akkużata talli nhar it-28 ta' Ottubru, 2019 u/jew fil-jiem, ġimgħat jew xhur ta' qabel f'dawn il-Gżejjer:

1. Iffalsifikat, biddlet jew għamlet xi tibdil f'passaporti jew użat jew kellha fil-pussess tagħha xi passaport, li hi kienet taf li ġie iffalsifikat, imbiddel jew sar xi tibdil fih (Kap. 61, Art. 5 tal-Liġijiet ta' Malta);

2. Għamlet falsifikazzjoni oħra jew xjentement għamlet użu minn xi dokumenti oħra ffalsifikati (Kap. 9, Art. 189 tal-Liġijiet ta' Malta);

3. Mingħajr awtorità leġittima użat, jew kellha fil-pussess tagħha xi dokument, meħtieġ għall-finijiet ta' dan l-Att, li jkun falsifikat skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap. 217, Art. 32(1)(f) tal-Liġijiet ta' Malta).

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, tikkundanna lill-imputata għall-ħlas tal-ispejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti jew periti fil-proċeduri, skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti eżebiti;

Semgħet lill-imputata tirreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħha, liema ammissjoni ġiet ikkonfermata mill-istess imputata wara li l-Qorti, a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, avżatha bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkonċeditilha żmien biżżejjed biex terġa' tikkonsidra t-tweġiba tagħha u terġa' lura minnha;

Semgħet trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni tal-imputata għall-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħha, il-Qorti ma tistax ħlief issibha ħatja tal-istess imputazzjonijiet.

Għal fini ta' piena, il-Qorti qed tieħu in konsiderazzjoni min-naha l-waħda n-natura serja tar-reati odjerni, kif ukoll min-naħa l-oħra, iċ-ċirkostanzi tal-każ u li l-imputata ikkoperat ferm mal-pulizija waqt l-investigazzjoni tagħha.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikolu 5 tal-Kapitolu 61 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Artikolu 32(1)(f) tal-Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikoli 17 u 189 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, qed issib lill-imputata

ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħha u qed tikkundannha għal piena ta' sitt (6) xhur priġunerija effettivi.

Stante li ma ġewx maħtura esperti f'dawn il-proċeduri, il-Qorti qed tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni għall-ħlas tal-ispejjeż fit-termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat